MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Numru. 115/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Giovanna Attard**

Kaz Numru: 115/14

Illum 17 ta' Frar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Giovanna Attard**, ta' ghoxrin (20) sena, bint Paul u Josephine neé

Azzopardi, imwielda Rabat, Ghawdex, nhar id-9 ta' Lulju 1994 u residenti fil-fond numru 21, Gesu Redentur, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 25494(G), akkuzata talli matul ix-xahar ta' Lulju 2014 u kif ukoll fix-xhur ta' qabel waqt li kienet xoghol fuq il-vapur tal-Gozo Channel f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommettiet serq ta' flus liema serq huwa aggaravat bil-persuna u bil-lok ghad-dannu tal-kumpanija Gozo Channel u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet xi qliegħ ieħor b'qerq, li ma jammontax ghal aktar minn hames mitt Euro (€500.00) ghad-detriment tal-kumpanija Gozo Channel u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jaqblu li l-ammont involut f'dawn il-proceduri huwa dak ta' mitejn Euro (€200.00).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, u l-fedina penali (Dok. "B") taghha (li hija wahda kompletament nadifa).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(d), 261(e), 268(d), 269(e), u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Giovanna Attard hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena u nofs mil-lum u tordna li sa zmien xahrejn millum l-imputata thallas is-somma ta' mitejn Euro (€200.00) lis-socjeta' Gozo Channel, f'kaz li dan l-ammont ghadu ma thallasx.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata u jekk ma thallasx is-somma ta′ mitejn Euro (€200.00) lis-socjeta′ Gozo Channel fiz-zmien lilha moghti, f′kaz li dan l-ammont ghadu ma thallasx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------